MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Appell Kriminali Numru. 20/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Sultana**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Michael Sultana, karta ta' l-identita` numru 317476(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'risoluzzjoni wahda, minn Jannar 2012 sa Mejju 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Alison Sultana u/ jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/ jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar 2013 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Michael Sultana ħati u kkundannatu tliet xhur priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Michael Sultana ppreżentat fit-28 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa;
**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat il-verbal tallum fejn l-Avukat Dottor Josef Laferla għall-*parte civile* preżenti ddikjara li l-manteniment għax-xhur in kwistjoni tħallas; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"Illi f1-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li 1-esponenti rregistra ammissjoni bikrija u ma heliex hin prezzjuz ta1-Ewwel Onorabbli Qorti.

"Illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, b'referenza ghall piena inflitta 1-esponenti jirrileva illi fic-cirkostanzi hija wahda certarnent esagerata ghal akkuza kif dedotta fil-konfront ta' 1-esponenti. F'dan ir-rigward, minghajr pregudizzju ghal premess, 1-appellanti jaghmel referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Stephen Spiteri (Qorti tal-Appelli Kriminali 22.09. 1993), il-kuncett ta 'crime does not pay' m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-llurn. Illum il-gurnata 1-iskop ta piena mhux biss dak ta deterrent jew retribuzzjoni, izda ta riabilitazzjoni', u 1-esponenti umilment irrileva li fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati ma hadiex in konsiderazzjoni ta' dan il-pnincipju 1.-esponenti umilment jirrileva li l-piena inflitta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija wahda eccesiva u harxa, tenut kont ta l-akkuza prodotta fil-konfront ta l-esponenti u partikolarment tenut kont tal-ammissjoni bikrija da parti ta' 1-esponenti. Quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti L-esponenti huwa persuna ta' karattru tajjeb, ma ghandux

kondotta refrattarja, u tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, piena karcerarja ma hijiex wahda idoneja.

**6.** Issa, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2013 il-partijiet qablu li jingħata differiment sabiex l-appellant ikun jista' jħallas l-arretrati lill-*parte civile*. Fis-seduta tallum effettivament din il-Qorti ġiet infurmata illi l-pagament opportun sar.

**7.** L-imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura taghha, rinunzjabbli. Iżda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal tliet xhur priġunerija u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet xhur millum. Din il-qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------